MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2012

Numru. 381/2007

Il-Pulizija
(Sp Raymond Aquilina u Sp Anthony Cassar)
vs
Jonathan Calleja, iben Paul, imwieled Pieta' fit-13 ta' April, 1983, karta ta' l-identita numru 279883(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula minnu b'risoluzzjoni waħda:

1. ġewwa l-fond numru 65, Triq il-Vitorja, l-Isla, fis-27 ta' April, 2007 għal ħabta tas-6.00 p.m., ikkaġuna offizi ta' natura gravissima li jġibu jew x'aktarx iġibu debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem ta' ibnu Cleaven Busuttil, minuri ta' tlett (3) xhur;

2. fl-istess żminijiet u ċirkostanzi, meta kien responsabbli tat-tifel tiegħu minuri ta' tlett (3) xhur, Cleaven Busuttil, b'atti persistenti ta' għemil ħaqar lit-tifel jew ġiegħel jew ippermetta l-moħqrija tat-tifel;
3. meta kien fid-dmir li jieħu ħsieb il-wild minuri tiegħu, u cioe' Cleaven Busuttil, naqas li jagħmel dan;
4. ikkometta diversi ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-wild Cleaven Busuttil ta' tlett (3) xhur;
5. sar reċidiv skont l-artikoli 49 et seq. tal-Kodiċi Kriminali wara li nstab ħati b'sentenza definittiva tal-Qorti tal-Maġistrati tas-6 ta' Diċembru, 2005 liema sentenza ma tistax tiġi mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni skont l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javviċina lill-persuni u ir-residenza tagħhom, kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.
F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta tal-persuni nvoluti u il-familja tagħhom u toħroġ ordni skont l-artikoli 382A et seq. tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-19 ta' Jannar, 2009 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 214, 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(d), 222(1)(a) b'applikazzjoni ta' l-artikolu 202(h) u 222(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 247 u 247A tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 339(1)(j) tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikoli 49, 50 u 51 tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbla tas-seduta tal-11 ta' Mejju, 2009 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-akż jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li għal ħabta tal-5.00 p.m. tas-27 ta’ April, 2007 Isabelle Busuttil li f’dawk iż-żminijiet kienet toqgħod mal-imputat qaltlu li kienet ser toħroġ biex tagħti lura xi DVDs li hi kient kriet. Hi u ħierġa mid-dar wissiet lill-imputat biex iħalli lil binhom minuri Cleaven Busuttil ta’ tlett (3) xhur fis-sodda. Dak il-ħin it-tarbija kienet qed tibki iżda l-istess hi qalet lill-imputat biex iħalli t-tarbija fis-sodda għaliex ma kinitx ser iddum barra.

Illi mix-xhieda ta’ l-imputat jirrizulta li meta omm it-tarbija ħarġet hi baqgħet tibki. L-imputat iddejjaq b’dan il-fatt, baqgħat it-tarbija f’idejh u beda jgħolliha. Hu ħaseb li bl’aġir tiegħu t-tarbija kienet ser tieqaf tibki. Dan il-moviment dawn sejjer għal xi ftit minuti iżda f’ħin minnhom it-tarbija zelqet minn idejn l-imputat. L-imputat qabad it-tarbija minn idejha x-xelluqija biex ma jħallix taqa mal-art b’konsegwenzi aktar gravi. Fil-ħin sema’ lil Isabelle Busittil dieħla u reġa qegħeda fis-sodda. Naturalment, it-tarbija baqgħet tibki. L-imputat ma qal xejn lil Isabelle Busuttil dwar dak li kien ġara.

Illi Isabelle Busuttil indunat dak il-ħin li t-tarbija kellha xi ħmura madwar għajnejha x-xelluqija iżda attribwit dan il-fatt għal gidma ta’ menusa. L-għada, 28 ta’ April, 2007, fil-għodu omm it-tarbija kienet qed taħsel lit-tarbija iżda ndunat li ma kinitz qed iċċaqlaq idejha x-xelluqija. Dan il-fatt ħasbitha u għalhekk dak il-ħin stess marret għand it-tabiba Dr. Marthese Sciortino. Din mill-ewwel irreferitha l-isptar.

Illi meta waslet l-isptar it-tarbija ġiet eżaminata mill-pedjatra Dr. Joseph Mizzi li kkonstata li t-tarbija kellha tbenġil fuq l-għajn tax-xelluq, fuq ix-xelluq tas-sider u fuq il-widna tax-xelluq. Minbarra dan, irrileva li t-tarbija ma kinitx qed iċċaqlaq idejha tax-xelluq. Għalhekk, ordna li jittiieħed X-ray minn fejn irrizulta li t-tarbija kellha ‘transverse fracture tal-humerus’ tax-xelluq. Sar it-testijiet

kollha tal-każ iżda għajr għal din il-fattura ma rrizulta xejn. Ġie osservat li t-tarbija kienet liebsa sew u li kienet mitmugħa sew ukoll.

Illi Isabelle Busuttil infurmat lill-imputat li hi kienet l-isptar bit-tifel tagħhom u meta ġie rinfaċċat b'dan il-fatt l-imputat stqarr mal-partner tiegħu dak li kien ġara l-ġurnata ta' qabel.

Illi minħabba l-fatt li t-tarbija kellha diversi ġrieħi fuq il-persuna tagħha, il-pulizija ġew infurmati u dan ta' lok għall-inkjesta bil-Maġistrat. Illi minn din l-inkjesta l-espert mediko-legali li eżamina t-tarbija wasal għal-konkluzjoni li xi wħud mill-feriti li ġarrbet it-tarbija kienu friski, inkluza l-frattura tal-humerus u oħrjan li kienu saru madwar ġimgħa qabel.

Illi skont Isabelle Busuttil, it-tarbija kienet timmarka minnufih u l-imputat kien goff fil-'handling' ta' ibnu. Fil-fatt, l-imputat igħid li Isabelle Busuttil kienet tgħid li hu salvaġġ u ma rieditx li jerfa t-tarbija minnħabba l-fatt tas-salvaġismu tiegħu u li t-tarbija kienet timmarka minnufih.

Illi għajr għall-inċident tal-ksur ma hemm ebda prova li xi ħadd uża xi forma ta' moħqrija fuq it-tarbija. L-imputat innifsu jaħseb li l-lezjonijiet friski lu kellha t-tarbija huma dovuti għal fatt li meta qabadha meta laqgħatha.

Illi l-feriti li ġarrbet it-tarbija huma ta' natura gravi per durata u illum Cleaven Busuttil ma jsofri minn ebda trauma konsegwenza ta' dak il-ksur li ġarrab.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizulta xejn li tavalla t-teżi li l-imputat għamel dawk il-feriti fuq ibnu volontarjament. L-akkużi miġjuba kontra l-imputat huma kollha ta' natura volontarja u mill-provi miġbura jirrizulta li dan mhuwiex il-każ. Mhemmx dubju li l-aġir ta' l-imputat kien wieħed mhux idoneju u juri nuqqas ta' esperjenza fil-qasam tat-trobbija tat-tfal iżda dan il-fatt ma jista' jwassal qatt għal sejbien ta' ħtija skont l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------